21 ta' Marzu 2015
36/2015

**L-INGRESS SOLENNI TAL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA**

IL-BOLLA TAL-PAPA FRANĠISKU

FRANĠISKU, Isqof, Qaddej tal-Qaddejja ta' Alla:

Lill-Għażiż Ħuna Charles Jude Scicluna, Isqof titulari ta' San Leone, Amministratur Appostoliku tas-Sede Metropolitana ta' Malta, magħżul bħala Arċisqof Metropolita tal-istess Arċidjoċesi, saħħa u l-barka appostolika! Billi hija x-xewqa kbira tagħna, is-Suċċessur ta' San Pietru u r-Ragħaj Suprem tal-Merħla kollha tal-Mulej, li naħtru Ragħaj biex imexxi l-Knisja Metropolitana Antika u Magħrufa ta' Malta, li sfat vakanti bir-rinunzja tal-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Pawlu Cremona O. P., inti, għażiż ħuna, li, mogħni b'doni mseddqa u espert fl-oqsma Ekkleżjastiċi, fit-Teoloġija u fid-Dritt Kanoniku, l-ewwel ħdimt b'ħila u għerf fil-Kurja Rumana, imbagħad kont Isqof Awżiljarju tal-istess Djoċesi u issa inti tamministraha, inti meqjus sew bħala idoneu li treġġiha. Għalhekk, wara li smajna l-parir tal-Kongregazzjoni għall-Isqfijiet, bl-Awtorità Appostolika tagħna, waqt li nħolluk mir-rabta mas-Sede titulari ta' San Leone u mill-ħidma pastorali msemmija, ninnominawk Arċisqof Metropolita ta' Malta bid-drittijiet u d-dmirijiet kollha. Nordnaw li din l-Ittra tkun mgħarrfa lill-Kleru u lill-Poplu tal-Istess Sede u neżortawhom biex jilqgħuk bil-qalb u li jibqgħu magħqudin miegħek. Jalla, għażiż Ħuna, li megħjun mid-Doni tal-Ispirtu Paraklitu, lill-[Insara] Fidili afdati lilek tkun tista' tfakkarhom fil-kliem ta' San Pawl Appostlu, li, kif żgur taf, għex [għal żmien] f'Malta: "Mill-bqija, ħuti, ifirħu, ħabirku għall-perfezzjoni, isimgħu milli wieħed jgħidilkom, kunu ta' fehma waħda, żommu s-sliem, u Alla tal-imħabba u s-sliem ikun magħkom". (2Kor 13,11). Il-Grazzja tal-Mulej, bl-interċessjoni tal-Verġni Marija, tkun dejjem miegħek u ma' din il-Komunità Ekkleżjali Maltija tant għażiża għalina. Mogħtija f'Ruma, minn San Pietru, illum is-sebgħa u għoxrin jum tax-xhar ta' Frar tas-Sena tal-Mulej elfejn u ħmistax, it-tieni tal-Pontifikat tagħna.

**Franġisku**